MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 992/2001/1

**Kenneth Bartolo u Frances Bartolo**

**vs**

**Kosmipharma Limited u
Eurochemie Products Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-12 ta' Dicembru, 2001, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti illi jhallsu s-somma ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600.00) rapprezentanti ammont dovut bhala kummissjoni fuq diversi negozji.
Bl-ispejjez, u bl-imghax kontra l-konveuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti fejn ecceppew:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi kwalunkwe ammonti dovuti lill-istess attur thallsu mal-paga tieghu, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fl-1996, l-attur Kenneth Bartolo kien jokkupa l-kariga ta' General Manager fuq is-socjetajiet Kosmipharma u Eurochemie Products. Filwaqt li dik ta' l-ewwel kienet topera principalment f'Malta, dik ta' l-ahhar kienet topera fl-esteru u fuq is-*sales* illi kienu jsiru tramite l-intervent ta' l-attur Bartolo, dan kien jiehu *commission* ta' wiehed fil mija (1%).

Ghall-ewwel l-attur kien jiehu kummissjoni fuq il-bejgh li jkun ghamel Malta biss, izda peress li l-kumpanija espandiet ix-xoghol taghha fl-esteru, c-Chief Executive tal-kumpanija Anthony Pisani kien accetta illi l-attur jiehu l-istess persentagg fuq bejgh illi jkun ghamel barra (Fol. 33).

Fil-fatt b'ittra datata 15 ta' Novembru, 1999, Dok. KB 4 (Fol. 33), filwaqt li Pisani jirrikonoxxi illi skond il-kuntratt ta' l-impjieg l-attur kellu dritt ghall-kummissjoni fuq il-bejgh illi jsir Malta, kien accetta illi jaghtih ukoll kummissjoni fuq il-bejgh illi jsir fl-esteru. L-attur xehed illi thallas ghall-kummissjoni kemm ghal l-1997, l-1998 u l-1999.

Pero' qabel ma telaq mill-impjieg kien ghamel negozju kbir il-Libya fejn kien ghamel bejgh illi kien jiswa tlitt kwarti ta' miljun dollaru ($750,000) f'isem il-kumpanija Eurochemie. Ta' dan ippretenda kummissjoni ta' tlett elef u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600).

Jidher li bejn il-partijiet saret xi korrispondenza fejn Anthony Pisani kien irrikonoxxa illi kellu jaghti dawn il-flus. Hemm il-*letter of intent* fuq imsemmija illi ggib id-data tal-15 ta’ Novembru, 1999, (Fol. 33) u aktar importanti hemm id-dokument a Fol. 34 bid-data tad-29 ta’ Mejju, 2001, fejn il-konvenut qieghed jaghti struzzjonijiet lill-Bank sabiex ihallas lill-attur.

Xahrejn wara, l-konvenut jerga jikteb lill-attur fejn jinfurmah illi qieghed jigri wara l-Bank ghall-hlas, (Fol.35). Madankollu, l-attur kellu jistitwixxi din il-kawza peress illi l-hlas baqa’ ma sarx.

Anthony Pisani, ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti xehed illi lill-attur kien jaghtih salarju tajjeb. Veru illi kien hemm xi drabi illi thallas ukoll ghall-kummissjonijiet ta’ bejgh illi sar fl-esteru, pero’ dana sar fuq bazi *ex-gratia*. Di piu’ jaghti raguni stramba il-ghala ghamel dawn l-ittri u jghid illi kien taht forma ta’ pressjoni sabiex jaqdi lill-attur.

Il-Qorti ssib din l-iskuza verament fjakka.

Fl-eccezzjonijiet taghhom is-socjetajiet konvenuti qalu li lill-attur hallsuh kollox, allura kien jinkombi fuqhom sabiex jippruvaw dan, haga illi f’ghajnejn il-Qorti dawn m’ghamluhiex. Mhux talli hekk, talli x-xhieda ta’ Anthony Pisani ma tantx taghmel sens fl-isfond tad-dokumenti illi gew esebiti f’dawn l-atti.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom fil-grad illi trid il-ligi u t-talba taghhom timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti illi jhallsuhom is-somma ta’ tlett elef u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600.00) rapprezentanti ammont dovut bhala kummissjoni fuq diversi negozji.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjetjiet konvenuti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------